# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2016**

**Mandat Numru : 545/2016/1 JPG**

**Rosette Thake - K.I. Nru 0221668M u Dott.ssa Ann Fenech - K.I. Nru 0028763M, fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' Segretarju Generali u President tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista**

**Vs**

**1.L-Awtorita' tal-Ippjanar gja l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; u 2.L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti et nomine tal-11 t'April 2016 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti Partit Nazzjonalista ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tieghu bhala partit politiku li fil-prezent jaqdi r-rwol ta' Oppozizzjoni;*

*Illi l-esponent Partit Nazzjonalista, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-*

*awtoritajiet intimati milli jnehhu jew icaqilqu jew b'kull mod iehor li jkun jiehdu pussess, direttament jew permezz ta' terzi tal-billboards politici tal-Partit Nazzjonalista li jinsabu mwaqqfa fil-postijiet imnizzla fil-lista li tinsab hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. A;*

*Illi l-Partit Nazzjonalista, b'mod partikolari bhala l-partit li fil-prezent jaqdi r-rwol t'Oppozizzjoni, ghandu l-jedd li jwassal il-messagg politiku tieghu dwar kwistjonijiet t'amministrazzjoni pubblika u ta' kritika lill-Gvern u lill-membri tal-istess Gvern Permezz*
*billboards politici;*

*Illi l-Partit Nazzjonalista juza wkoll l-imsemmija billboards politici sabiex jirreklama l-attivitajiet u l-inizjattivi politici tieghu;*

*Illi fil-prezent il-Partit Nazzjonalista ghandu ghoxrin (20) billbord imwaqqaf f'numru ta' postijiet mifruxin ma' Malta u Ghawdex kollha skont kif indikat fil-lista ta' postijiet li tinsab hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. A;*

*Illi bhala partit politiku mwaqqaf f'Malta, il-Partit Nazzjonalista jgawdi mid-drittijiet moghtija lilu bis-sahha tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Art dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politici (Kap. 544 tal-Ligijiet ta'Malta);*

*IIli bis-sahha ta-Regolamenti tal-2016 dwar Billboards u Reklami (Avviz Legali 103 tal-2016 li gie ppubblikat nhar id-29 ta' Marzu 2016), gie stabbilit li ""reklam politiku" tfisser kull reklam, inkluz billbord, li jintuza ghnll-wiri ta' materjal relatat esklussivament ma' elezzjoni generali jew referendum jew elezzjoni tal-kunsilli lokali u li jigi muri mhux iktar kmieni minn tliet xhur qabel id-data tal-elezzjoni jew ir-referendum u mhux izjed tard minn gimgha mid-data li fiha jithabbar ufficjalment ir-rizultat ta' dik l-elezzjoni jew dak ir-referendum;" ;*

*Illi ghaldaqstant bis-sahha tal-imsemmija regolamenti l-partit politici qeghdin effettivament jigu mcahhda milli jqeghdu reklami politici nkluzi billboards matul il-parti l-kbira ta' legislatura jekk mhux bil-permess tal-Awtoriti tal-Ippjanar u wara li jsir hlas*

*ghall-applikazzjoni kif ukoll li jsir hlas ta' licenza ta' kull sena lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta skont dak li jipprovdu l-istess regolamenti;*

*IIli permezz tal-imsemmija regolamenti gie stabbilit li l-hlas annwali dovut lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta bhala licenza ghal kull billboord ghandu jkun ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500.00);*

*Illi l-awtoritajiet intimati diga stqarrew u avzaw pubblikament li b'effett minn nhar it-Tlieta 12 ta' April 2016 huma ser ikunu qeghdin iwettqu azzjonijiet ta' infurzar u jnehhu billboards politici li ma jkollhomx permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar u licenzja mhallsa lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta skont kif stabbilit mir-Regolamenti tal-2016 dwar Billboards u Reklami (Avviz Legali 103 tal-2016);*

*Illi jekk l-awtortitajiet intimati jithallew, inehhu l-billboards tal-Partit Nazzjonlista, l-istess Partit Nazzjonalista jkun qed jigi mcahhad mid-drittijiet fundamentali tieghu kif garantiti mill-Kostituzzjoni ta'Malta permezz tal-Artikoli 41 ,42 u 45, mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) permezz tal-Artikoli 10, 11,13 u 14 kif ukoll mill-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politici permezz tal-Artikolu 8;*

*Illi ghaldaqstant il-hrug tal-mandat mitlub huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tal-esponent Partit Nazzjonalista, liema jeddijiet jirrizultaw bhala prima facie mill-premessi esposti, u jekk dan il-mandat ma jinharigx, il-pregudizzju li jista' jinholoq ghar-rikorrent Partit Nazzjonalista ma jkun hemm ebda rimedju ghalih. Ir-rikorrent Partit Nazzjonalista jitlob a tenur tal-Artikolu 875(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 ta!-Ligijiet ta' Malta) li l-hrug ta' dan il-mandat jigi milqugh b'effett immedjat fuq bazi provizorja sakemm din l-Onorabbli Qorti jkollha l-opportunita' li taghti smiegh lill-partijiet u r-rikorrent Partit Nazzjonalista jitlob li tali mandat jigi notifikat u ezegwit b'urgenza.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant,l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet tal-11 t'April 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti et nomine provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza ghall-25 t'April 2016 fis-1:30pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` tal-Ippjanar tat-18 t'April 2016, li taqra hekk:

*"Illi ma jezistux l-elementi mehtiega mill-ligi ghall-akkoljiment tat-talba kontenuta fir-rikors promotur u cioe` ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, liema talba tirrizulta manifestement infondata, u dan ghar-ragunijiet li ser isewgu.*

*L-Awtorita' esponenti tibda billi tikkonferma li taqbel ma' dak premess mill-Partit rikorrent fit-tielet paragrafu tar-rikors tieghu, u cioe` li Partit politiku ghandu l-"jedd li jwassal il-messagg politiku permezz ta' billboards politici"; anzi zzid li dan hu jedd li ghandu jigi mhares b'zelu, tant li l-ligi li tirregola l-billboards stess tirrikonoxxi dan id-dritt.*

*Illi l-korollarju ghall-ezercizzju ta' jedd hi l-holqien ta' obbligazzjoni, li f'dan il-kaz tikkonsisti fl-osservanza tar-regolamenti li jirregolaw it-twassil tal-messagg politiku. Fil-kaz ta' pluralita` ta' ndividwi u socjetajiet kummercjali ohra, li bhall-Partit rikorrent qedin jilmentaw pubblikament (bla ma ntavolaw proceduri gudizzjarji) li l-jedd taghhom ser jigi mahnuq bir-regolamenti l-godda ntrodotti, il-jedd minnhom vantat hu r-reklamar tal-attivita` kummercjali taghhom u s-servizzi minnhom offruti permezz tal-erezzjoni ta' diversi billboards madwar il-pajjiz. Illi ghalhekk huma diversi li qed jivvantaw jeddijiet ta' natura diversa, pero` r-risposta komuni ghal dawn l-interessi diversi kollha hi li hu nkoncepibbli li din l-attivita` ta' twahhil/erezzjoni ta' billboards mal-pajjiz, kull fejn wiehed jidhirlu, tibqa' ghaddejja kif kienet sal-lum bla ebda nfurzar. Il-konsegwenza kienet pajjiz littered b'billboards ma' kullimkien, f'okkazzjonijiet anke` mmuntati b'perikolu ghal terzi.*

*Illi ghalhekk il-Partit rikorrent, u l-ebda partit politiku iehor f'Malta jkun min ikun, ma jista juza bhala pretest id-dritt tieghu li jwassal il-messagg politiku biex jinghata*

*privilegg konsistenti fin-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, privilegg illi kieku kellu jigi akkordat minn din l-Onorabbli Qorti, iwassal ghal sitwazzjoni diskriminatorja ma' pluralita` ta' azjendi li jkollhom il-billboards taghhom imxerrdin mal-pajjiz fl-osservanza tal-ligi. Id-dritt tal-Partit rikorrent jezisti, hu inkontestat, imma jrid jigi ezercitat fil-parametri tar-regolamenti, altrimenti tirrenja anarkija.*

*Illi l-Partit rikorrent ma jistax jargumenta, u dan jghodd ukoll ghal diversi operaturi kummercjali li qed jindikaw informalment li ser isegwu l-azzjoni promossa mill-Partit rikorrent, li ghandu dritt li biex iwassal il-messagg tieghu izomm il-pluralita` ta' billboards li ghandu eretti minghajr il-permessi necessarji mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti, u bla ma jhallas xejn. Id-dritt vantat ma jeghlibx kull konsiderazzjoni ohra, inkluz l-osservanza tal-ligi. Tabilhaqq jinghad li r-regolamenti joholqu bilanc bejn l-ezercizzju tad-dritt (sew jekk huwa politiku, kummercjali jew xort'ohra) tal-Partit jew socjeta` kummercjali koncernata, u l-jedd tal-pubbliku b'mod generali li din l-attivita` tigi regolata u kontrollata, anke` sabiex kull min jipprevalixxi ruhhu minn dan id-dritt ikun qed jopera f'parametri legali u ben definiti.*

*Tabilhaqq, punt li l-Partit rikorrent ma jsemmix fir-rikors promotur hu li ebda wiehed mill-"ghoxrin (20) billboard" li l-istess Partit ghandu "imwaqqaf f'numru ta' postijiet mifruxin ma' Malta u Ghawdex" ma huwa munit bil-permessi necessarji, u lanqas giet intavolata applikazzjoni f'dan is-sens.*

*Illi l-Partit rikorrent ma jistax jilmenta li ser "jigi mcahhad mid-drittijiet fundamentali tieghu kif garantiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u kif ukoll mill-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politici " kemm 'l darba l-istess Partit jigi mizmum milli jkompli jippersisti bl-irregolarita` minnu kommessa konsistenti fi ksur tal-ligi tal-Ippjanar, liema infrazzjoni ghadha qed tippersisti.*

*Fil-fatt, bl-akkoljiment provvizorju ta' dan il-mandat, is-sitwazzjoni prezenti hi li l-Partit rikorrent gie li qed jopera attivita` ta' billboards fi stat ta' illegalita` izda b'awtorizzazzjoni tal-Qorti. Jekk jigi akkolt il-mandat b'mod definittiv, dan l-istat ta' illegalita` "awtorizzat" mill-Qorti ser ikompli jipperdura.*

*Id-"dritt" li l-Partit rikorrent qed jittenta jikseb il-kawtela tieghu permezz ta' dawn il-proceduri m'huwiex id-dritt ghall-liberta' tal-espressjoni jew id-dritt ghall-liberta' ta' ghaqda u assocjazzjoni, u lanqas ma huwa d-dritt tal-istess Partit li ma jigix diskriminat jew id-dritt tieghu li jgawdi minn status legali. L-allegata lezjoni ta' dawn id-drittijiet qed tissemma' biss bhala paraventu ghall-intenzjoni vera tal-Partit rikorrent, u dan biex tinghata semblanza illi vera hemm lezjoni ta' jedd fundamentali x'tigi kawtelata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Meta wiehed jezamina sew il-fatti cirkondanti dan il-kaz, il-konkluzjoni li temergi hi li l-Partit rikorrent qieghed, b'mod fin, jinduci lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tittutela llegalita` li l-istess rikorrent kien u ghadu qed iwettaq, anke` taht ir-Regolamenti l-antiki li kienu jirregolaw din l-attivita`, bil-pretest li l-ezercizzju ta' dik l-attivita` llegali hu mehtieg biex jigi salvagwardjat id-dritt tal-Partit rikorrent li jikkritika lill-Gvern.*

*Illi filwaqt li jerga' jigi ribadit li l-Partit rikorrent indubbjament ghandu dan il-jedd u ghalhekk ukoll ghandu l-interess guridiku mehtieg sabiex jippromwovi dan il-mandat, partikolarment fl-isfond tal-messagg attwali li qed jitwassal mir-rikorrent li hu wiehed ta' attwalita` u li jinteressa u jolqot lill-pubbliku b'mod generali, kieku qatt din l-Onorabbli Qorti kellha tithalla li tigi diretta f'din il-linja ta' hsieb, u b'hekk tilqa' t-talba rikorrenti, tkun qed twettaq miscarriage of justice mhux zghir.*

*Ebda Qorti ma tista tissanzjona llegalita` jew tippermetti llegalita` li tibqa ghaddejja ghax bis-sahha ta' dik l-illegalita`, jkun qed jigi ezercitat jedd. U jekk il-Qorti taghmel dan, tkun qed tmur lil hinn mill-funzjonijiet taghha illi kull ordni, digriet jew sentenza li taghti jkunu xprunati minn rispett shih lejn is-saltna tad-dritt, u lejn il-ligijiet vigenti tal-pajjiz.*

*Illi c-cirkostanza unika fejn wiehed jista' jikkontempla tixlif ta' dan il-principju sagrosant tkun jekk ikun hemm xi kwistjoni li ligi jew regolament ikun gie promulgat mhux ghal ghan legittimu, imma sabiex appozitament johnoq dritt. Dan hu dak li l-Partit rikorrent bhal donnu qed jghid, u kieku hu korrett fl-asserzjoni tieghu, ikollu ragun jilmenta.*

*Imma l-fatti huma dijametrikament oppost ghal dan. B'mod tabilhaqq intelligenti, l-Partit rikorrent qieghed johloq pretest illi bid-dhul fis-sehh ta' dawn ir-regolamenti, ser jinhonoq id-dritt tieghu li jesprimi l-messagg politiku, meta r-realta` hi bil-kontra u cioe` li dak li l-Partit rikorrent fil-verita` jrid jottjeni hu l-jedd li jkompli jwassal il-messagg politiku tieghu bil-mod kif jidhirlu hu, inkluz jekk dan il-mod ma jkunx konformi mal-ligi. Illi fir-Regolament tal-2016,* ***u anke` fir-regolamenti li pprecedewhom****, hemm qafas ta' regolamentazzjoni li ghal ragunijiet ovvji, hadd mill-ghexieren li jinqdew bl-ghodda tal-billboards ma jrid li jigi nfurzat. U aktar minn hekk, ta' b'xejn joghgob lil kulhadd u allura kulhadd iqarras wiccu li biex juza t-triq biex jereggi billboard irid ihallas € 1,500 fis-sena.*

*Illi hu evidenti li l-Partit rikorrent ma jridx ihallas il-mizata dovuta lill-Awtorita` intimata l-ohra skont ir-Regolamenti biex jigi erett u mizmum erett billboard. Anke` min juza vettura fit-triq irid ihallas mizata annwa ghal uzu ta' vettura fit-triq, u jkun non sequitur kieku sewwieq jilmenta li l-hlas tal-licenzja tat-triq ikun jammonta ghal lezjoni tal-jedd tieghu li jsuq vettura. Pero`, dan hu precizament l-argument tal-Partit rikorrent, u cioe` li jrid jezercita d-dritt li ndubbjament ghandu bla ma jhallas ebda korrispettiv ghalih, u dan meta cittadin komuni anke` biex juza l-vettura li twasslu ghax-xoghol kuljum ihallas talli juza t-triq; ahseb u ara min juza t-triq biex fiha jereggi billboard massiv.*

*Illi l-erezzjoni tal-billboards in kwistjoni, u t-twahhil tal-istampat maghhom, kemm tal-Partit rikorrent kif ukoll fil-kaz ta' pluralita` ta' billboards ohra mxerrda mal-pajjiz, sar minghajr il-permessi mehtiega u li kienu mehtiega wkoll skont ir-regolamenti vigenti sa mis-sena 1993. Dan hu fatt inkontestat u li ma jistax jigi mcekken jew newtralizzat minhabba konsiderazzjonijiet ohra, kif qed jippretendi li ghandu jsir il-Partit rikorrent. Lanqas hu gust li nghatat l-impressjoni li l-htiega ta' permess mill-Awtorita` esponenti ghal billboard ta' natura politika mtella' mhux fil-perjodu ta' tlett xhur qabel l-elezzjoni hu xi rekwizit introdott bir-regolamenti tal-2016, ghaliex din il-htiega kienet tezisti diga bis-sahha tar-regim legali ezistenti qabel.*

*F’dan l-isfond importanti li jigu esposti l-fattispeci partikolari tal-kaz :*

*1. Illi qabel xejn issir riferenza ghar-regolament 4 tal-Avviz Legali 103 tal-2016 li jipprovdi hekk :*

*"4. (1) Ebda reklam ma għandu jintwera jew ikun imdawwal f'kwalunkwe post li jkun jidher mit-triq, u ebda vettura ta' reklamar m'għandha titqiegħed fit-triq jew fi kwalsijasi post li jkun jidher mit-triq, mingħajr il-permess tal-Awtorità, kemm-il darba dan ma jkunx reklam li għalih ikun japplika r-regolament 5, liema reklami huma eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament ma jgħoddux għal reklami eżistenti sakemm l-Awtorità ma tkunx jew:*

*(a) avżat persuna li tkun qed turi reklam eżistenti fejn teħtieġha tibgħat lill-Awtorità kopja tal-permess, liċenza jew xi awtorizzazzjoni oħra li tippermetti dan il-wiri sa mhux iżjed tard miż-żmien muri fl-avviż; jew*

*(b) ippubblikat avviż fil-Gazzetta li jitlob lil kull persuna li għandha għall-wiri kull għamla ta' reklam, jew xi għamla ta' reklam partikolari, jew reklami bħal dawk f'xi naħa jew inħawi kif jistgħu jkunu speċifikati fl-avviż, biex tibgħat lill-Awtorità kopja tal-permess, liċenza jew awtorizzazzjoni oħra li jawtorizza wiri bħal dak, sa mhux iżjed tard miż-żmien li jista' jkun speċifikat fl-avviż; jew*

*(ċ) u f'kull każ bħal dak jekk xi persuna li għaliha jkun jgħodd dan l-avviż tibgħat lill-Awtorità, fiż-żmien speċifikat fl-avviż relattiv, kopja tal-permess, liċenza jew awtorizzazzjoni oħra li tagħtiha d-dritt turi r-reklam, mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn Transport Malta, dak il-permess, liċenza jew awtorizzazzjoni oħra jkun minn hemm 'il quddiem u għall-finijiet u l-effetti kollha meqjus li hu permess mogħti mill-Awtorità bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti: Iżda kull persuna li jkollha permess, liċenza jew awtorizzazzjoni oħra li tippermetti l-wiri ta' reklam eżistenti, xorta tkun obbligata li tippreżenta applikazzjoni lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex tikseb mingħandha liċenza li għaliha għandha tħallas il-ħlas annwali stabbilit fl-Iskeda.*

*(3) L-Awtorità se tneħħi, mingħajr il-ħtieġa li jinħareġ avviż ta' infurzar, kull reklam eżistenti li jkun tqiegħed fit-triq jew f'post li jkun jidher mit-triq mingħajr permess, liċenza jew awtorizazzjoni li tippermetti t-tqegħid ta' tali reklam:*

*Iżda l-ordni mogħti fl-avviż jibqa' fis-seħħ u ma jiġix sospiż la bil-preżentata ta' appell u lanqas b'applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess għat-tqegħid tar-reklam, u f'għeluq tal-perjodu ta' żmien indikat fl-avviż l-Awtorità tista' tidħol minnufih fuq l-art fejn huwa muri r-reklam, u d-dispożizzjonjijiet tal-artikolu 90 tal-Att għandhom japplikaw."*

*2. Illi permezz ta' avviz ippubblikat f'gazzetta lokali fil-31 ta' Marzu 2016 (Dokument A anness), l-Awtorita' esponenti ai termini tal-paragrafu (b) tas-sub-regolament (2) tar-regolament 4 tal-Avviz Legali 103 tal-2016, infurmat lis-"sidien u/jew l-operaturi li ghandhom fil-pussess taghhom permess li jkopri kull reklamar ezistenti fuq barra, mahrug mill-Pulizija, il-MEPA/l-Awtorita' tal-Ippjanar jew il-Malta Transport huma obbligati li jirregistraw il-permess taghhom bejn it-Tnejn 4 ta' April u t-Tnejn 11 ta' April 2016. Ghar-registrazzjoni wiehed ghandu jirrikorri fl-ufficini tal-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Furjana, jew ir-Rabat Ghawdex u jiehu mieghu kopja tal-permess, pjanta u ritratt tas-sit indikat".*

*Fl-istess avviz, l-Awtorita' esponenti gharrfet li "mit-Tlieta 12 ta' April 2016, azzjoni ta' infurzar tibda' tittiehed f'nuqqas ta' registrazzjoni skond l-Artikolu 4(3) tal-L.N. 103 tal-2016. Jitnehhew ukoll reklami minn fuq vetturi li jintuzaw ghar-reklamar. Multi ta' mhux inqas minn 1000 ewro u mhux izjed minn 5000 ewro ghal kull reklam illegali japplikaw."*

*Illi hawnhekk tajjeb li wiehed jippreciza li l-azzjoni li kienet behsiebha tiehu l-Awtorita` ma kienitx ser tkun limitata ghall-billboards illegali li jwasslu messagg politiku, izda ghal kull billboard illegali, irrispettivament mill-kontenut tal-messagg muri fuq l-istess billboard.*

*Indubbjament li l-Partit rikorrent ser jirribatti ghal din is-sottomissjoni billi jghid li l-azzjoni li l-Awtorita` kien behsiebha tiehu kontra terzi li kellhom billboard erett mhux b'kontenut politiku kienet biss paraventu ghall-intenzjoni vera taghha li trazzan il-messagg politiku li ried iwassal l-istess rikorrent, bil-pretest tal-infurzar tal-ligi.*

*Illi daqstant iehor hu naturali wkoll li r-rikorrent ser jikkapitalizza mir-realta` partikolari tal-mument u jzid li ma hemm ebda spjegazzjoni ohra wara l-introduzzjoni ta' dawn ir-regolamenti f'dan il-mument partikolari.*

*Illi huwa minnu li l-introduzzjoni ta' dawn ir-regolamenti habtet f'mument li jista' popolarment jaghti lok ghal dawn l-ispekulazzjonijiet, ghal min ma jkunx ben edott mill-fatti. Ir-realta` izda hi li l-Partit rikorrent (bhal operaturi ohra li jutilizzaw din l-attivita`) ma jridx ihallas mizata ghall-uzu tat-triq biex itella` billboard, u lanqas irid japplika u jottjeni permess mill-Awtorita` esponenti kif mehtieg sa mis-sena 1993, u ghalhekk qed jahtaf l-opportunita` li joskura r-regolamenti u jittimbrahom bhala muzzle ghad-dritt ta' espressjoni, meta l-verita` hi 'l boghod minn hekk.*

*Illi ghalhekk hawn is-sejha lejn id-dover ta' din l-Onorabbli Qorti li tipprexxindi minn sottomissjonijiet li jistghu jinstemghu sbieh, illi jista' tabilhaqq ikollhom semblanza ta' verita` jekk wiehed iqishom at face value, u ghalhekk sabiex din l-Onorabbli Qorti twettaq l-ezami dwar jekk, imqar fuq livell prima facie, ir-regolamenti sarux biex jigi mrazzan it-twassil tal-messagg politiku, jew kienux intizi li jirregolaw it-twassil ta' dak il-messagg politiku (u l-istess fil-kaz ta' reklami ohra) fil-qafas ta' framework regolamentat u ragjonevoli.*

*Illi in kwantu l-Partit rikorrent jaghmel riferenza ghall-jedd tieghu tal-liberta ta' espressjoni u jirreferi ghall-artikolu 8 tal-Kap 544 ossia l-ligi li tirregola l-Finanzjament tal-Partiti, dan l-artikolu jaqra li "Political parties shall enjoy a legal personality and the right to sue and be sued. Political parties shall also have all the rights of free expression which are competent to individuals <u>according to the Constitution</u>." Jinghad bir-rispett li apparti mill-fatt li l-ezercizzju tad-dritt tal-liberta' ta' espressjoni, kif garantit kemm taht il-Kostituzzjoni u kif ukoll taht il-Konvenzjoni m'huwiex dritt assolut, izda huwa soggett ghal dawk ir-restrizzjonijiet, formalitajiet u/jew kundizzjonijiet li jkunu mehtiega sabiex jigu tutelati, fost ohrajn, is-sigurta' pubblika u l-ordni pubbliku, certament li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jallaccjaw l-ezercizzju tal-liberta` ta' espressjoni mat-twettiq ta' llegalita` kif lanqas ma tenuncja xi principju tas-supremazija ta' dan il-jedd fuq il-ligijiet tal-pajjiz.*

*3. Illi sad-data li fiha kien jiskadi t-terminu ghar-registrazzjoni tal-permessi li jkopru r-reklamar ezistenti fuq barra (11 t'April 2016) (ara d-Dokument B anness), il-Partit rikorrent ghazel li ma jirregistra ebda wiehed mill-ghoxrin billboard li ghandu mifruxin mal-Gzejjer Maltin; jirrizulta wkoll li ebda wiehed minn dawn il-billboards ma kien kopert b'permess mahrug mill-Awtorita' kompetenti.*

*Illi ghalhekk jirrizulta li minn qabel ma dahlu r-Regolamenti tal-2016 fis-sehh, il-Partit rikorrent kien **diga** fi stat ta' llegalita`u fi ksur tar-Regolamenti vigenti qabel l-introduzzjoni ta' dawn ir-Regolamenti (tal-2016).*

*4. Issa l-Partit rikorrent qed jargumenta li (i)"bis-sahha tar-Regolamenti tal-2016 dwar Billboards u Reklami gie stabbilit li "reklam politiku" tfisser kull reklam, inkluż billbord, li jintuża għall-wiri ta' materjal relatat esklussivament ma' elezzjoni ġenerali jew referendum jew elezzjoni tal-kunsilli lokali u li jiġi muri mhux iktar kmieni minn tliet xhur qabel id-data tal-elezzjoni jew irreferendum u mhux iżjed tard minn ġimgħa mid-data li fiha jitħabbar uffiċjalment ir-riżultat ta' dik l-elezzjoni jew dak ir-referendum"; u (ii) li "ghaldaqstant bis-sahha tal-imsemmija regolamenti l-partiti politici qeghdin effettivament jigu mcahhda milli jqeghdu reklami politici nkluzi billboards matul il-parti l-kbira ta' legislatura jekk mhux bil-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u wara li jsir hlas ghall-applikazzjoni kif ukoll li jsir hlas ta' licenzja ta' kull sena lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta skont dak li jipprovdu l-istess regolamenti".*

*Jinghad bir-rispett li dan ir-ragunament huwa wiehed inaccettabbli, u non sequitur.*

*B'dan ir-ragunament tieghu, ir-rikorrent qed jesprimi l-fehma li l-Ligi m'ghandiex tapplika ghalih bl-istess mod li ghandha tapplika fil-konfront ta' kull operatur iehor li juza l-billboards f'pajjizna. Il-Partit rikorrent irid il-jedd assolut li jereggi jew izomm eretti billboards fi kwalunkwe` post gewwa Malta jew Ghawdex minghajr ma jottjeni l-permess necessarju mill-Awtorita' kompetenti kif inhu mehtieg skont il-Ligi, u bla ma jhallas ebda mizata. Dan huwa d-"dritt" li l-Partit rikorrent qieghed jippretendi li ghandu, u li qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tikkawtela; u cioe' d-"dritt" li l-istess Partit mhux biss jinjora, izda li b'digriet tal-Qorti jkollu l-fakulta` li jagixxi bi ksur tal-Ligi li tirregola l-billboards u reklami.*

*Illi skont ir-regolament 4 tal-Avviz Legali 103 tal-2016, it-twahhil/twaqqif ta' reklam jew billboard b'messagg politiku jirrikjedi permess mahrug mill-Awtorita' esponenti, u dan bl-istess mod li t-twahhil u l-wiri ta' kull reklam jew billboard iehor li ma jkollux kontenut politiku jirrikjedi tali permess.*

*Illi l-Partit rikorrent ma weriex ghala ghandu jkollu t-trattament preferenzjali li jidhirlu li ghandu jkollu; lanqas spjega kif u ghala r-Regolamenti kienu ntizi biex jinhonoq id-dritt tieghu li jwassal il-messagg politiku.*

*Illi Partit politiku/min itella' billboard b'kontenut politiku diga hu diskriminat pozittivament bis-sahha tar-Regolamenti tal-2016. Dana peress li reklam jew billboard b'messagg politiku jista' jiġi erett minghajr il-htiega ta' ebda permess mahrug mill-Awtorita', mhux iktar kmieni minn tliet xhur qabel id-data tal-elezzjoni jew ir-referendum u mhux iżjed tard minn ġimgħa mid-data li fiha jitħabbar uffiċjalment ir-riżultat ta' dik l-elezzjoni jew dak ir-referendum.*

*Illi l-Partit rikorrent jidhirlu li tali privilegg ghandu jgawdi minnu tul is-sena kollha, f'kull zmien. X'aktarx li r-rikorrent ser jargumenta li l-ezercizzju ta' dan id-dritt ikun self-regulating fis-sens li partit politiku mhux ser joqghod itella' billboard jekk ma jkunx hemm suggett topiku li jinteressa lill-pubbliku b'mod generali.*

*Imma dan ikun biss argument populista, u certament mhux bazat fuq konsiderazzjonijiet legali; il-punt li qed jigi sottomess bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra, b'mod dixxiplinat, hu jekk tigix riskontrata lezjoni tal-jedd ta' espressjoni ta' Partit politiku jekk dak il-Partit jigi trattat ugwalment bhac-cittadini l-ohra tal-pajjiz, u jinghata trattament preferenzjali biss fit-tlett xhur precedenti elezzjoni jew referendum u fil-jiem ta' wara.*

*Incidentalment, privilegg simili favur il-partiti politici kien ukoll kontemplat fir-Regolamenti gja vigenti u li kienu qabel jirregolaw l-attivita` tal-billboards u reklami, u cioe' l-Avviz Legali 171 tal-1993 (Dokument C), liema privilegg kien ukoll limitat b'disposizzjoni analoga ghal dik li wiehed isib fir-Regolamenti tal-2016.*

*Ir-regolament 3 tal-Avviz Legali 171 tal-1993, similment ghar-regolament 4 tal-Avviz Legali 103 tal-2016, kien jipprovdi li "ebda reklam ma ghandu jintwera jew ikun imdawwal minghajr permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar"; filwaqt li r-regolament 9 tal-istess Avviz Legali (A.L. 171 tal-1993), similment ghar-regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 103 tal-2016, kien jaghti s-setgha lill-Awtorita' esponenti li tezegwixxi azzjoni t'infurzar fuq kull billboard jew reklam imwahhal minghajr permess.*

*L-Avviz Legali 171 tal-1993, u cioe' l-Ordni Dwar Reklami, kien gie l-ahhar emendat permezz tal-Avviz Legali 9 tal-2003 li dahal fis-sehh fis-7 ta' Jannar 2003 (Dokument D anness).*

*L-Avviz Legali 9 tal-2003 propju emenda r-regolament 4 tal-Ordni Dwar Reklami - ossia r-regolament li kien jikkontempla ezenzjonijiet mill-htiega tal-ottjeniment ta' permess mill-Awtorita' ghat-twahhil u l-wiri ta' certu reklami - bil-mod kif gej:-*

***"2. Paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' l-ordni principali ghandu jigi sostitwit kif gej:-***

***(d) reklam li jirrigwarda esklussivament elezzjoni generali jew referendum jew elezzjoni ghall-kunsilli lokali u li jkun muri mhux aktar kmieni minn tliet xhur qabel u mhux aktar tard minn xahar wara l-gurnata li fiha jkunu saru l-elezzjoni jew referendum imsemmija".***

***Dan ghalhekk gie jfisser li bis-sahha tal-Avviz Legali 9/2003, il-privilegg li reklam ta' natura politika jkun ezenti mill-htiega ta' permess mahrug mill-Awtorita` kompetenti kien limitat ukoll ghat-tlett xhur precedenti dik l-elezzjoni generali/referendum/elezzjoni tal-kunsill lokali u l-jiem ta' wara; allura, bid-dovut rigward kollu, ghala l-Partit rikorrent qieghed crying foul dwar disposizzjoni li ilha fis-sehh tlettax il-sena, disposizzjoni li ntroduciha fil-ligi l-istess Partit rikorrent?***

*Illi hu kontro-sens li l-Partit rikorrent qed jilmenta li din ir-restrizzjoni ghall-privilegg assolut li hu jippretendi li ghandu jgawdi minnu f'kull zmien tohnoq il-liberta` ta' espressjoni tieghu. Illi l-esponenti ma hijiex f'qaghda tikkummenta dwar jekk dan kienx il-hsieb wara l-introduzzjoni tar-Regolamenti relattivi fl-2003; pero` hi f'qaghda*

*tikkonferma li l-kontinwazzjoni tad-disposizzjoni ntrodotta fl-2003 fir-Regolamenti tal-2016 bl-ebda mod ma saret ghall-fini allegat mill-Partit rikorrent.*

*5. Lura ghall-fatti rilevanti ghal dan il-kaz, l-Awtorita' esponenti bis-sahha tar-regolamenti tal-Avviz Legali 103 tal-2016, diga hadet l-ewwel passi t'infurzar fir-rigward ta' diversi billboards (mhux kolpiti b'dan il-mandat) li ma gewx registrati, u f'numru minn dawn il-kazijiet il-billboards illegali gew zmantellati bl-intervent tas-sid/operatur innifsu, li gharaf l-obbligi tieghu, minghajr ebda htiega ta' intervent ulterjuri da parti tal-Awtorita'. Hemm operaturi ohrajn li qed jistennew l-ezitu ta' dan il-mandat qabel jaghmlu l-pass li jmiss. Incidentalment, il-Partit rikorrent qieghed jinvoka d-dritt tieghu li ma jigix diskriminat, meta attwalment l-istess Partit qed jippretendi li ghandu jinghata trattament preferenzjali fuq kull sid/operatur iehor ta' billboards.*

*Fl-isfond ta' dan kollu wiehed ma jistax hlief jistaqsi fejn hu l-pregudizzju li qed isofri l-Partit rikorrent? Il-jedd prima facie li r-rikorrent jghid li hu mehtieg li jigi kawtelat jissarraf fil-jedd tar-rikorrent li jereggi kemm irid billboards mal-Gzejjer Maltin minghajr il-hlas ta' ebda mizata u bla ma jottjeni permess mill-Awtorita' esponenti Ghalhekk hu karenti l-element tal-jedd prima facie ghaliex jedd prima facie ma jistax ikun radikat madwar illegalita`.*

*Il-mizata ta' € 1,500 lanqas hi wahda projbittiva ghall-ezercizzju ta' dan il-jedd. U l-akkoljiment ta' dan il-mandat jibghat messagg perikoluz, ghaliex ikun ifisser li fl-ezercizzju tal-attivita` politika tieghu, partit politiku ser jigi meqjus li hu privileggjat b'esenzjonijiet sahansitra milli jhallas licenzji li cittadin komuni jrid ihallas. U tajjeb wiehed ifakkar li l-billboards in kwistjoni gew eretti kontra l-ligi meta sahansitra kienu ghadhom fis-sehh ir-regolamenti tal-2003, bi ksur tal-istess ligi, u liema ligi l-Partit rikorrent ma javvanza ebda lment jew kritika dwarha.*

*Illi kif tajjeb ikkonkludiet dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fid-digriet taghha tal-20 ta' Novembru 2014 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 295/2014 SM fl-ismijiet "John Mary sive Jimmy Vella et vs. L-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar f' Malta" :-*

*“l-ebda stat ta’ illegalita’ espressa ma’ tista’ taghti lok ghal xi dritt kwezit li permezz tieghu r-rikorrent odjern jista’ jippretendi li l-illegalita’ insita’ li jinsab fiha taghtih xi drittijiet, u dan ukoll ghaliex ex turpi causa non oritur actio”*

*Fl-ahharnett issir riferenza ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***“Tarcisio Borg vs. Onor. Prim Ministru et”*** *deciza fit-12 ta' Jannar, 2015 (Appell Kostituzzjonali numru 61/2011):-*

*"Jekk, f’dan l-istadju, l-attur jitħalla, issa b’mandat kawtelatorju, jwaqqaf it-twettiq tal-avviż u hekk ikompli jtawwal aktar iż-żmien biex tiġi rimedjata l-illegalità milquta bl-avviż, b’hekk tiġi mxekkla aktar milli huwa xieraq l-awtorità fdata bil-ħarsien tal-liġijiet tal-ippjanar fil-qadi tad-dmir pubbliku tagħha. Il-liġi ma hijiex maħsuba u ma għandhiex tiġi interpretata b’mod illi tgħin lil min jinsab fi stat ta’ illegalità jkompli jgawdi minn dik l-illegalità u illi tiffrustra lil min għandu d-dmir li jara li l-liġi titwettaq."*

*Illi ghaldaqstant qed jigi sottomess bir-rispett illi t-talba tal-Partit rikorrent ma timmeritax akkoljiment u ghandha tigi michuda, u d-digriet tal-11 ta’ April 2016 fejn it-talba intlaqghet provvizorjament jigi revokat contrario imperio.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta tat-18 t’April 2016, li taqra hekk:

1. *Illi, preliminarjament, in-nullita’ tar-rikors promotur stante illi huwa priv minn talba cara u r-rikorrenti et nomine fil-fatt fl-ebda parti tar-rikors promotur taghhom ma intavolaw it-talba taghhom ghal dak li huma jridu lil din l-Onorabbli Qorti illi tinibixxi lill-intimati milli jaghmlu.*

2. *Illi, fil-mertu, jekk it-talba tar-rikorrentiet nomine hija biex jigi inibit milli titwettaq azzjoni ta’ infurzar u jinqalghu l-billboards politici illi ma jkollhomx permess mill-Awtorita’ tal-Ippjanar u licenzja mhallsa mir-rispondenti Awtorita’ gha-Trasport f’Malta, allura r-rispondenti Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta mhijiex il-legittima kontradittur u ghandha tigi*

*liberata ab observantia stante illi mhijiex l-Awtorita' rispondenti illi se twettaqu li ghandha l-poter illi twettaq tali azzjoni ta' infurzar.*

3. *Illi, sussidjarjament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ghaldak li jirrigwarda l-hlas annwali ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) dovut lill-Awtorita' rispondenti ghal kull billboard, ghalkemm ir-rikors prezentat mir-rikorrentiet nomine ma jidhirx illi huwa indirizzat biex din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-istess Awtorita' rispondenti milli timponi dan il-hlas annwali, ghandu jinghad li, fost il-funzjonijiet tal-Awtorita' rispondenti, hemm dak illi tamministra t-toroq, u dan a tenur tal-artikolu 7(b) tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta). A tenur tad-definifizzjoni li wiehed isib fl-artikolu 2 tal-istess Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta [liema definizzjoni hija riprodotta wkoll fl-Avviz Legali 103 tal-2016), it-'triq'tinkludi wkoll billboards u strutturi ohra li jistghu jitwahhlu ma' wicc it-toroq u bankini (eskluz bini). Konsegwentement, bl-istess mod illi l-Awtorita' rispondenti ghandha l-poter li, ad ezempju, timponi hlas annwu ghall-uzu tat-toroq minn vetturi bil-mutur (il-licenzja tat-triq), l-Awtorita' rispondenti ghandha wkoll il-poter li timponi hlas annwali ghall-uzu tal-istess toroq biex jitpoggew fuqhom kwalsijasi tip ta' billboards, kemm jekk politici u kif ukoll kummercjali. Certament illi fl-ezercizzju ta' funzjoni bhal din, maghmula minn Awtorita' pubblika iureimperii ghal skop pubbliku u fl-interess pubbliku, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tissindika lamentela fis-sens ta' jekk huwiex gust illi jigi impost tali hlas, jew kemm ghandu jkun tali hlas. F'dan ir-rigward, l-Awtorita' rispondenti taghmel riferenza ghall-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti (SedeKostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet 'Emanuel sive Noel Formosa –vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni' (Rikors 44/2013JPG) deciza fit-12 ta' Novembru, 2014 fejn gie enuncjat kif gej:*

*"Il-Qorti taghmel accenn ghall-fatt illi, l-hlasijiet ta' taxi huma specifikament eskluzi mill-ambitu tal-Artikolu I tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*Illi infatti, il-proviso tal-Artikolu I tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:*

*"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

*Dan hu pjanament refless ukol lfl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi fis-subinciz (2):*

*"Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew il-hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' -*

*(a) Bi hlas ta' xi taxxa, rati jew drittijiet;"*

*Huwa kwazi superfluwu li jinghad izda fil-kaz in ezami din il-Qorti tqis illi ghandha d-dmir li tenfasizza, illigbir tat-taxxi, rati, kontribuzzjonijiet ghall-Istat jirraprezenta funzjoni mill-aktar kardinali il-ghaliex fin-nuqqas, l-Istat jirrendi ruhhu inkapaci li jonora l-istess doveri tieghu qua Gvern, ghal dak illi jirrigwarda hlas ta' pagi, pensjonijiet, beneficji socjali u it-tmexxija ta' sptartijiet u ta' skejjel - u dana biex jissemmew biss uhud mid-doveri tal-Gvern".*

*Ghaldaqstant huwa bil-wisq car u manifest illi l-Awtorita' rispondenti ghandha kull dritt li, biex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet ferm estensivi illi hija obbligata illi taqdi skond kif imfissra fid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Awtorita' rispondenti ghandha kull dritt illi tezigi u tigbor kwalsijasi hlasijiet illi jidhrilha illi huma xierqa ghall-uzu tat-toroq minnha amministrati, inkluz ghall-uzu ta' tali toroq biex jitpoggew fuqhom billboards ta' kwalsijasi tip.*

4. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-lamentela tar-rikorrenti et nomine ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, apparti l-konsiderazzjoni gja sottolineata fil-paragrafu precedent fis-sens illi l-impozizzjoni ta' hlas ta' xi kontribuzzjoni jew taxxa ma tistqax titqies bhala lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ghandu jigi sottlineat illi l-provvedimenti tal-Avviz Legali 103 tal-2016 japplikaw ergo omnes u ghal kulhadd, minghajr ebda distinzjoni ta' xejn la bejn xi partit jew iehor u lanqas bejn tip ta' utent jew iehor ta' dawn il-billboards, kemm jekk l-utent ikun partit politiku u kemm jekk l-utent ikun cittadin privat jew xi azjenda kummercjali. Di fatti, jekk ir-rikorrentiet nomine japplikaw ghall-permess ghal billboard mill-Awtorita' tal-Ippjanar u jhallsu l-kontribuzzjoni annwali lill-Awtorita' rispondenti, kollox kif stabbilit fl-imsemmi Avviz Legali 103 tal-2106, m'hemm xejn illi jimpedixxi lir-rikorrentiet nomine milli jaghmlu qliegh kummercjali mill-billboards taghhom billi jikruhom lil azjendi ghal reklami kummercjali, u ghalhekk anke mil-lat tal-kontribuzzjoni li trid tithallas lill-Awtorita' rispondenti, certament li din ma tistax tiqies illi hija wahda eccessiva jew tassattiva zzejjed. Dak li pero ma jistghux jaghmlu r-rikorrenti et nomine – izda li donnhom qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti biex tawtorizzahom u taghtihom il-barka taghha biex jaghmlu – huwa li jkomplu jaghmlu uzu minn billboards bla permess u illegali, u cioe' minn billboards li mhumiex koperti b'permess ma hrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar u li ghalihom tkun thallset il-kontribzzjoni stabbilita skond il-ligi lill-Awtorita' rispondenti. Meta taghsar kollox, effettivament dan huwa l-import tar-rikorsipprezentat mir-rikorrenti et nomine – biex jottjenu l-awtorizazzjoni minghand din l-Onorabbli Qorti sabiex ikomplu jaghmlu uzu minn billboards illegali u bla permess. Dan m'ghandux ikun u* ***hadd*** *m'ghandu u ma jista' jigi awtorizzat illi jaghmel uzu minn billboards illegali u bla permess – la partit politiku, la azjenda kummercjali, la cittadin privat, hadd. Il-ligi hija l-istess u qieghda hemm ghal kulhadd, u* ***hadd****– inklz ir-rikorrenti et nomine – mhuwa 'l fuq mil-ligi u konsegwentement ir-rikors prezentat mir-rikorrentiet nomine ghandu jigi michud bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Mejju 2016, ghall-isfilz tan-nota prezentata fit-2 ta' Mejju 2016;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

Skond ir-rikors promotur r-rikorrenti nomine talbu lil Qorti ghal hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni biex jzommu lill-intimati Awtoritajiet Pubblici milli jnehhu, icaqilqu jew jiehdu pussess tal-*billboards* politici tal-partit Nazzjonalista, liema *billboards* huma dawk indikati f'Dok. A.[1]

Ir-rikorrenti nomine sostnew illi fil-qadi ta' rwol t'oppozizzjoni huma ghandhom il-jedd li jwasslu messagg politiku dwar kwistjonijet t'Amministrazzjoni Pubblika u ta' kritika tal-Gvern.

Dan il-jedd huwa mahsub u protett fl-Artikolu 41, 42, u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu 10, 11, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), u Artikolu 8 tal-Att dwar il-Funzjonijiet tal-Partiti Politici.

Il-*billboards* tar-rikorrent jghoddu mal-ghoxrin wiehed.

Permezz tal-Avviz Legali 103/16, ppublikat fid-29 ta' Marzu 2016 t-tifsira ta' "reklam politiku" gie ristrett ghal reklam esklussivament relatat ma Elezzjoni Generali, Referendum jew Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, liema reklam huwa limitat ghal perjodu ta' tlett xhur qabel tali elezzjoni jew referendum sa gimgha wara is-sehh tal-istess.[2]

[1] Vide fol. 4 tal-process
[2] Artikolu 2 tal-Avviz legali 103/2016

L-istess Avviz Legali 103/2016 stabbilixxa hlas annwali dovut lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ghal licenzja jew permess ghal kull *billboard* f'ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500).[3]

L-Awtoritajiet intimati stqarrew pubblikament li ser jnehhu l-*billboards* indikati.

Ir-rikorrenti sostnew illi tnejjiha tal-billboards jfisser illi r-rikorrenti et nomine jkun qeghdin jigu mcahhad mid-drittijiet fundamentali kif indikati mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea u Att dwar il-Funzjonijiet tal-Partiti Politici.

Minn naha l-ohra l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta eccepiet in-nullita' tar-rikors promotorju stante n-nuqqas ta' talba cara; li l-Awtorita' intimata ma kienitx legittimu kontradittur; li l-Awtorita' ghandha kull dritt li tesigi u tigbor hlasijiet xierqa ghall-uzu tat-toroq minnha amministrati inkluz *billboards*; illi l-Avviz Legali 103/2016 japplika ergo omnes u ebda partit politiku, azjenda kummercjali jew cittadin privat ma hu 'l fuq mill-ligi.

L-Awtorita' tal-Ippjanar eccepixew li l-atturi nomine ghandhom d-dritt li jirriklamaw attivita' politika kontra il-korrispettiv obbligazzjoni ta' hlas ghal tali dritt bhal kull persuna jew entita' ohra u ma jistghux jinghataw privileggi; illi dak d-dritt ta' reklamar ghandu jigi regolat u kontrollat fil-parametri legali; illi jekk jinhareg l-Mandat, il-Qorti tkun qed tawtorizza illegalita'; illi l-atturi nomine ma jridux jhallsu il-mizati dovuti lill-Awtorita' intimata u ghalhekk qed jallegaw xkiel ta' dritt taghhom biex jwasslu l-messagg politiku bhala pretest biex jevadu l-obbligu ta' hlas; illi l-atturi nomine qed jippretendu dritt preferenzjali. Illi l-mizata ta' €1,500 ghall kull *billboard* m'hijiex probittiva ghall-ezercizzju ta' drittijiet tal-atturi nomine.

**Ikkonsidrat**:

Mix-xhieda prodotta mir-rikorrenti, cioe' senjatmanet mix-xhieda ta' Christopher Spiteri jirrizulta illi effettivament, fin-nuqqas ta' hrug provvizorju tal-mandat odjern, l-

[3] Vide Skeda tal-Avviz Legali 103/2016

Awtorita' ghat-Trasport f'Malta kellha l-intenzjoni illi tnehhi l-*billboards* tal-Partit Nazzzjonalista[4]. Dr. Spiteri kkonferma ukoll illi l-Partit Laburista fis-sena 2012 kien ntavola proceduri legali (Mandat t'Inibizzjoni u kawza segwenti) dwar *billboards* tal-istess Partit Laburista kontra l-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta u l-Qorti kienet laqghet il-Mandat t'Inibizzjoni. Dwar il-kawza li segwiet il-Mandat t'Inibizzjoni, Dr. Spiteri xhed illi din kienet giet ceduta, izda ma kienx jaf r-raguni ghal tali cessjoni. [5]

Johann Buttigieg[6], Chairman Esekuttiv tal-Awtorita' tal-Ippjanar ukoll ikkonferma li fin-nuqqas tal-hrug provvizjorju tal-Mandat t'Inibizzjoni odjern, l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet sejra tipprocedi billi tnehhi il-*billboards* tal-Partit Nazzjonalisa [7]. Xhed illi sa fejn jaf hu *"inhareg enforcement notice wiehed fir-regward ta' billboard f'Ghawdex pero kien subject to correction jigifieri."*[8]

Ikkonferma illi l-Awtorita' kienet ser tipprocedi kontra *billboards* illegali kollha kemm dawk ta' partiti politici, kif ukoll dawk ta' entitajiet kummercjali, cittadini privati u NGOs. Huwa kkonferma Dok. X estratt mill-gazzetta The Times datata 21 t'April 2016 li jindika *Enforcement Notice* fuq *billboard* tal-Gvern.[9]

Johann Buttigieg[10] sostna illi l-azzjoni t'inforzar kienet intiza biex titwettaq miz-**zewg** Awtoritajiet intimati. Huwa afferma illi f'kaz illi l-*billboard* koncernat kien kopert b'permess seta' jibqa' installat, izda jekk kien illegali kien soggett ghall-*Enforcement Order*.

Buttigieg xhed illi kien hemm eccezzjoni taht l-Artikolu 4 tal-Avviz Legali dwar attivitajiet politici. Buttigieg sostna illi kien gie intavolat Mandat t'Inibizzjoni mill-Partit Laburista li ntilef mill-istess partit, izda saret korrezzjoni fis-sens illi dik l-inibizzjoni kienet ntilfet minn Transport Malta[11].

---

[4] .Vide fol. 85 et seq. tal-process.
[5] Vide xhieda a fol. 87
[6] Vide xhieda a fol. 87 sa 91
[7] Vide fol. 87
[8] Ibid
[9] Vide Dok. X a fol. 84
[10] Vide fol. 88/89
[11] Vide xhieda a fol. 91

Rosette Thake,[12] Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, xhedet illi l-partit kellu ghoxrin *billboard* kif indikati f'Dok. A a fol. 4.

Dawn il-*billboards* kienu hargu f'zewg *lots*: *lot* ta' disa' *billboards* fil-lejl bejn it-3 u 4 ta' Marzu 2016 u *lot* iehor ta' hdax il-*billboard* hareg fil-lejl bejn il-4 u 5 t'April 2016. Kull *billboard* kien juri messagg politiku u riklam t'attivita' politika organizzata mill-partit.

Hija sostniet illi in segwitu tal-Elezzjoni Generali, r-rikorrenti nomine kien gabar u nehha il-*billboards* kollha li kienu intuzaw fl-Elezzjoni u kien biss fid-dati fuq indikati li hargu r-reklam t'attivita' pubblika. Il-Partit Laburista' zamm il-*billboards* tieghu u uzhom ghal-skopijiet kummercjali. Uzhom ukoll fi zmien tal-Panama Papers – "*intuzaw ukoll biex iwasslu dak il-messagg ukoll."*[13]

Il-*billboards* kienu proprjeta' tar-rikorrenti et nomine u kienu intizi biex jxandru attivitajiet tal-partit u jwasslu messagg politiku ghall kontabilita' tal-Amministrazzjoni[14].

L-ispiza ghall-istallazzjoni ta' kull *billboards* kienet ta' €2,000 b'nefqa totali ghal ghoxrin *billboard* ta' €40,000. Illi di piu', kien hemm spiza ghall-manutenzjoni tal-istess u ghall-istampar tal-*canvases*. Rosette Thake xhedet illi l-izpiza ghall-licenzja fl-ammont ta' €1,500 ghall-kull *billboard* u l-ispiza ghal kull applikazzjoni mehtiega kienet ghalhekk ta' **madwar €71,080 ghal ghoxrin *billboard***. L-oggezzjoni tar-rikorrenti nomine kienet ghall-ispiza annwali li ghall-ghoxrin *billboard* kienet tammonta ghal €30,000 fis-sena, spiza li kienet proibittiva u li ghalhekk dan kien attentat mill-Gvern biex jaghlaq halq l-opposizzjoni u l-Partit Nazzjonalista.

---

[12] Vide xhieda a fol. 92
[13] Vide fol. 93
[14] Vide xhieda a fol. 94

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat kontra il-Gvern jew Awtorita' Pubblika, m'ghadux pregudizzju "li ma jkun jista' jigi irrimedjat", izda hu bizzejjed li jintwera li dan il-pregudizzju ikun wiehed sproporzjonat.

Infatti meta si tratta ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra il-Gvern jew Awtorita' imwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna f'kariga ufficjali, l-Qorti trid tikkonsidera **t-tielet element** jew rekwizit li jinqasam f'zewg aspetti u cioe':

a . **Konferma, waqt is-smiegh, li l-azzjoni lamentata fil-fatt hi mahsuba li ssir;**
b. **Il-proporzjonalita tal-pregudizzju kagunat**:

> ***"Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."*** (Vide Art. 873 (3) tal-Kap. 12)

Dan l-aspett tal-proporzjonalita', ifisser illi l-gudikant irid iqabbel il-preġudizzju li jistghu jġġarrabu r-rikorrenti et nomine bl-għemil tal-Awtoritajiet intimati ma' dak li jseħħ kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kellu jintlaqa'[15].

[15] Vide **Dr. John Ludvig Gauci et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fit-18 ta' Lulju 2008 per Imhallef Dr. J.R. Micallef

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.**

(Vide Digriet Finali tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti** per **Imhallef Dr. J. R . Micallef**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

Dawn huma r-regoli li bihom din il-Qorti ghandha tqis meta ikollha quddiemha Mandat t'Inibizzjoni.

**Ikkonsidrat**:

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm eccezzjonijiet ta' natura preliminari bhala nullita' tat-talba minhabba nuqqas ta' kjarezza, kif ukoll l- eccezzjoni fuq il-legittimu kuntradittur ***"m'humiex generalment amessibbli f'din l-istanza"***[16] u huma kwistjonijiet solitu mhollija ghal Qorti li tkun vestita' bl-ezami tal-kwistjoni fuq il-mertu, l-Qorti taghraf pero illi ma hemmx gurisprudenza konsistenti fuq din il-materja[17]. Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina dawn l-eccezzjonijiet prelimniari qabel tidhol fil-meritu.

Illl ghar-rigward ta' eccezzjoni ta' kjarezza fit-talba kontenuta fir-rikors promotur,din il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija talba ghal hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni kontra Awtoritajiet intimati biex izommhom ***"milli jnehhu jew icaqilqu jew b'kull mod iehor li jkun jiehdu pussess, direttament jew permezz ta' terzi tal-billboards politici tal-Partit Nazzjonalista li jinsabu mwaqqfa fil-postijiet imnizzla fil-lista li tinsab hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. A.*** "Vide fol. 1 tar-rikors promotur.

[16] **JF Security and Consultancy Services Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti** deciz 30 ta' Lulju 2012 per Onor Imhallef Dr. J. R. Micallef

[17] Vide Malta **Union of Bank Employees vs HSBC Bank Malta plc** per Onor Imhallef Dr. J Zammit McKeon deciza 8 ta' Novembru 2012; u contrario sensu vide **JF Security and Consultancy Services Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti** Ibid

Il-Qorti tqis illi tali talba hija cara u preciza u ghalhekk l-eccezzjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport ta' nullita tat-talba hija nsostenibbli.

Illi ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur, il-Qorti taghmel accenn ghall Iskeda tal-Avviz Legali 103/16 li tesigi li hlas annwali fuq kull *billboard* hu dovut lill-istess Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Di piu Artikolu 9(2) tal-istess Avviz Legali 103/16 jitfa' obbligu fuq l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li jinnotifika lill-Awtorita' tal-Ippjanar f'kaz illi persuna tonqos milli thallas il-licenzja. Illi in oltre il-Qorti taghmel accenn ghax-xhieda ta' Johann Buttigieg illi afferma illi l-azzjoni ta' infurzar u tnehhija tal-*billboards* koncernata ser titwettaq miz-zewg Awtoritajiet (Vide xhieda a fol. 88 u 89)

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija ugwalment insostenibbli.

**Ikkonsidrat:**

Il-materja in ezami li qeghda quddiem din il-Qorti m'hijiex il-legalita' o meno tal-*billboards* tar-rikorrenti et nomine, jew jekk dawn segwux d-dettami tal-Avviz Legali 103/2016, jew kienux ezenti ghaliex kienu reklam ghall-attivita' politika. Kieku din kienet il-kwistjoni, l-materja kienet tigi ventilata quddiem il-Qorti propizja, cioe' dik ta' kompetenza kriminali u mhux quddiem din il-Qorti.

Ghalhekk il-premessi u argumenti kontenuti fir-risposti tal-Awtoritajiet intimati u fit-trattazzjoni, dwar il-legalita' o meno tal-*billboards* in kwistjoni, ghad li jistghu jkunu siewja, ghandhom jitressqu quddiem dik il-Qorti kompetenti.

Ta bil-haqq, il-materja in ezami hi d-dritt tar-rikorrenti, bhala partit politiku u l-oppozizzjoni, kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea, biex jxandar l-messagg politiku u jekk kemm–il darba, l-Avviz Legali 103/2016[18]bl-

[18] Regolament jew ligi sussidjarja imfassla mis-Segretarju responsabbli ghall-izvilupp u l-Ministru responsabbli ghat-Trasport

introduzzjoni ta' hlas annwali jew licenzja ta' €1,500 kull *billboard*, apparti l-hlas t'applikazzjoni ghall-istess u bir-rintroduzzjoni tad-definizjoni restrittivi ta' reklam politiku[19], jxekkilx dan id-dritt inaljenabbli, b'mod li jkun jehtieg l-hrug ta' dan il-mandat ghal protezzjoni tal-istess dritt.

In fatti, din kienet precizament l-istess kwistjoni u talba li kien ghamel il-Partit Laburista lil Qorti preseduta mill-Mhallef Dr. Anna Felice fil-Mandat t'Inibizzjoni 831/2012/1 u cioe':

***"talbu li din il-Qorti zzomm lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta milli tnehhi jew ccaqlaq jew b'kull modd iehor direttament jew permezz ta' terzi tal-billboards politici tal-Partit Laburista"*** (Vide fol. 1 tad-digriet Finali deciz fil-21 ta' Gunju 2012)

Dik il-Qorti kienet laqghet t-talba tal-Partit Laburista u zammet lill-Awtorita' ghat-Trasport milli tipprocedi bit-tnehhija tal-*billboards* politici minkejja allegazzjonjiet t'illegalita' u perikolozita' tal-istess *billboards*[20]. Dik il-Qorti kienet ppronunzjat li :

> ***"il-jedd ta' partit politiku li jwassal il-messagg tieghu huwa fundamentali u inaljenabbli, garanti mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea."***

Mkien f'dik is-sentenza ma ntqal illi dan id-dritt kien xi privilegg.

Din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti et nomine ugwalment ghandhom il-jedd dritt fundamentali li jxandru u jwasslu messagg politiku u dana skond l-Artikoli 41 ,42 u 45, u skond Artikoli 10, 11,13 u 14 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta*;* u ghalhekk tqis illi r-rikorrenti et nomine pprovaw illi ghandhom dan il-jedd almenu sal-grad ta' *prima facie* kif rikjest mill-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12.

Il-Qorti ezaminat u gharblet il-provi prodotti u tqis illi t-tieni element rikjest ghal hrug ta'Mandat t'Inibizzjoni, cioe' il-htiega tal-mandat ghal harsien tal-jeddijiet li r-rikorrenti

---

[19] Introdott originarjament permezz tal-Avviz Legali 9 tal-2003 li emenda Artikolu 4 tal-Avviz Legali 171 ta' 1993 mir-rikorrenti et nomine meta kienu fil-Gvern.
[20] Vide fol. 4 tal-istess digriet finali pronunzjat fil-21 ta' Gunju 2012

jippretendi li ghandhom, gie ukoll pprovat fuq bazi ta' *prima facie*. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex huwa maghruf illi *billboard* huwa mezz effikaci immens ghal tixrid t'informazzjoni. Huwa daqstant iehor mifhum illi spiza annwali ta' tletin elf Ewro (€30,000) tista' titqies bhala spiza proibittiva. Ghalhekk t-tnehhija ta' *billboards* politici tar-rikorrenti et nomine tista' titqies bhala xkiel jew tnaqqir tad-drittijiet inaljenabbli tar-rikorrenti et nomine. It-tifrix ta'messagg politiku huwa intrinsikament u essenzjalment marbut maz-zmien u ma grajjiet tal-pajjiz li fih titqies n-necessita li jigi mxandar u mwassal l-istess messagg politiku.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-tielet rekwizit ghal-hrug o meno ta' Mandat ta' Inibizzjoni li huwa maghmul minn zewg elementi essenzjali:

a) Konferma waqt is-smiegh li l-azzjoni lamentata fil-fatt hi mahsuba li ssir

b) Il-proporzjonalita' tal-pregudizzju kagunat.

Huwa fatt inkontestat bejn il-kontendenti, illi l-azzjoni lamentata, cioe' t-tnehhija tal-*billboards* tar-rikorrenti et nomine, hija azzjoni mahsuba u intenzjonata li ssir. Dan gie pienament konfermat bil-gurament minn Dr. Christopher Spiteri[21] u Johann Buttigieg[22] ghall-Awtoritajiet intimati.

Dak li fadal biex jigi ezaminat huwa l-element ta' proporzjonalita' ta' pregudizzju kagunat.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-pregudizzju li ser jinkorru r-rikorrenti et nomine jekk semplici regolament f'Avviz Legali sejjer johnoq u jxekkel id-dritt fundamentali u inaljebbli[23] tar-rikorrenti et nomine, bhala partit politiku u Opposizzjoni li jwassal messagg politiku, huwa ferm akbar mill-pregudizzju li jistghu jsoffru l-Awtoritajiet intimati.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex, f'kaz li l-Qorti kompetenti (PA Sede Kostituzzjonali) tqis illi Avviz Legali 103/2016 fil-fatt ma jilledix d-drittijiet fundamentali pretizi mir-

---

[21] Vide fol. 85 et seq tal-process
[22] Vide fol. 87 et seq tal-process
[23] Dritt garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea.

rikorrenti et nomine, l-mizati mistennija mill-intimati ser jibqghu dovuti. Infatti ser jibqghu dovuti ukoll l-multi ta' €5,000 mahsub f'Artikolu 11 fl-Avviz Legali 103/2016 ghal kull reat, f'kaz illi l-Qorti kompetenti tippronunzja l-htija.

Lanqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tissindika ir-ristrezzjonijiet mahsuba biex jillimitaw id-drittijiet u libertajiet fundamentali kif kontemplati fil-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni Ewropea. Di hija materja li ghandha tigi ventilata quddiem u deciza minn il-Prim Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali li quddiemha ser tinstema, l-kawza fil-meritu, u ebda Qorti ohra ta' Prim Istanza

Din il-Qorti ghandha quddiemha biss talba ghal hrug o meno tal-Mandat t'Inibizzjoni li kif fuq intqal hu regolat strettament mill-ligi u l-gurisprudenza tal-Qrati taghna:

> ***"Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.[24]"***

Dan gie ripetutament reaffermat mill-Qorti taghna senjatament fid-digriet finali fl-ismijiet **Malta Union of Bank Employees vs HSBC Bank Malta p.l.c.** deciz fit-**8 ta' Novembru 2012** per Imhallef Dr. J Zammit Mckeon fejn gie ritenut:

> ***"Il-kompitu ta` din il-qorti huwa li tara jekk humiex sodisfatti inkella le r-rekwiziti tal-Art.873. Il-kompitu taghha mhuwiex li tiddeciedi l-mertu."***

Ghalhekk l-Qorti tqis illi jikkonkorru l-elementi ghal hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni mitlub.

---

[24] Vide sentenza **Joseph Zammit (K.I. Nru. 652453) vs L-Avukat Generali et** deciza fis-**6 ta' Ottubru 2015** per **Onor**.**Mhallef Dr. L. Schembri Orland**

Ghal dawn  il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa` definittivament t-talba tar-rikorrenti et nomine kif dedotta, konsegwentement tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-Awtoritajiet intimati u zzommhom milli jnehhu jew icaqilqu jew b'kull mod iehor li jkun jiehdu pussess, direttament jew permezz ta' terzi, tal-*billboards* politici tal-Partit Nazzjonalista li jinsabu mwaqqfa fil-postijiet imnizzla fil-lista Dok. A annessa mar-rikors promotorju.

Tordna l-Awtoritajiet intimati sabiex jhallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.

**Moghti kameralment fil-10 ta’ Mejju 2016**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**